**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 32 – IT-TNEJN, IT-8 TA' ĠUNJU 2026 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-boardoom

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dominic Cassar | Sindku |
| Pauline Vella Critien | Viċi Sindku |
| Trevor Fenech | Kunsillier (Minority Leader) |
| Carmelo Pace Taliana | Kunsillier |
| Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| Norbert Dalli | Kunsillier |
| Salvu Debono | Kunsillier |
| Noel Dimech | Kunsillier |
| Claire Calleja Zammit | Kunsillier |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Javier Caruana | Kunsillier |

Talba

Qabel il-laqgħa s-Seg Eżekuttiv, tablet lill-kunsilliera preżenti sabiex jikkunsidraw l-għażla ta' Ġieħ San Ġwann li l-bord magħmul minn Dr Schembri, Mr Camenzuli u Mr Micallef kienu għamlu l-ġimgħa 5 ta' Ġunju 2026. Il-persuni meritati kienu Josef Buhagiar u David Buttigieg. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici astjena milli jivvota, iżda s-Sur Dominic Cassar, is-Sa Vella Critien, is-Sur Fenech, is-Sur Pace Taliana, is-Sur Dalli, is-Sur Debono, is-Sur Dimech, is-Sa Calleja Zammit, is-Sa Farrugia u s-Sur Caruana, ivvotaw favur din l-għażla ta' Ġieħ San Ġwann.

## 1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Is-Sa Pauline Vella Critien, fuq punt 3, riedet kjarifika ċara għaliex il-kameras intfew għaliex skontha mhux il-mejda qablet li jintfew. Is-Sindku qallha li kienet deċiżjoni tiegħu li jintfew, is-SE infurmatha li hi m'għandha l-ebda interess jekk dawn jintfewx jew le, is-Sur Dalli talabha tirraporta dan jekk ħasset li kien hemm xi ksur legali, u s-Sur Fenech qallha li l-laqgħa ġiet sospiża u għalhekk seta' isir dan.

2.2 Pauline Vella Critien, staqsiet riedet kjarifika wkoll għaliex intqal li kien ser jintbagħat acknowledgement u dan ma ntbatx, is-SE ikkonfermatilha li wara kjarifika li għamlu ma' Ganado Advocates skont l-envelopp li ntbagħtet fih l-ittra, Partner minn Ganado ikkonferma li din ma kinitx uffiċjalment maħruġa minn dan l-uffiċju, l-ittra għalhekk la kien fiha dettalji ta' Avukat minħabba li din b'mod mhux veritier ma waslitx mill-uffiċju tal-avukati ta; Ganado li l-kunsill seta' jirrispondi lura legalment u lanqas ma kien fiha dettalji ta' kuntatt ta' Paul Vella Critien. Is-Sa Vella Critien qalet li s-SE missha kkuntattjat lilha għad-dettalji. Is-SE qalet li hi suppost ma kellha x'taqsam xejn ma din l-ittra u la din ġiet indirizzata mis-Sur Vella Critien hu kellu jindika dawk id-dettalji minħabba l-kunflitt ta' interess li suppost hi ma kellhiex tkun involuta fih.

2.3 Is-Sa Vella Critien qalet li l-ittra kienet maħruġa minn dan l-uffiċju u li mhuwiex minnu li qal lill-kunsill Paul Micallef Grimaud, iżda fil-fatt dan kien kollu ppublikat u miktub fuq email u li l-aħħar ittra li nħarġet minn dan l-uffiċju fuq l-istess rigward kien f'Settembru tal-2021, fejn il-kunsill kien wieġeb lura permezz ta' ittra uffiċjali bir-risposta fuq dan ir-rigward.

2.4 Is-Sa Farrugia staqsiet dwar jekk inħarġitx il-Call għall-computer services. Is-SE li din għadha in progress.

2.5 Staqsiet ukoll aġġornament dwar il-Clerical Officer, is-SE ikkonfermat li l-persuna li kellu jimla din il-pożizzjoni irrifjuta l-irwol u għalhekk is-sejħa għadha miftuħa skont il-kriterji mitluba.

2.6 Ħadd ma kellu iktar xi jżid, Salvu Debono ippropona l-minuti u Trevor Fenech issekonda. Qbil unanimu.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**Attivitajiet għat-tfal u ż-żgħażagħ**

- Is-Sur Chris Sant talab il-kunsiderazzjoni tal-kunsill sabiex il-kunsill flimkien mal-football club u scouts u xi ghaqdiet ohra li fihom jigbru t-tfal u z-zghazagh tal-lokalita jinghaqdu u flimkien jikkolaboraw fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet varji u edukattivi f'gonna pubblici fil-lokalita' li mhux biss relatati mal-football imma ma kwalunkwe taghrif u tahrig iehor.

- Is-Sur Fenech qal li dawk huma postijiet pubbliċi u mhemmx bzonn ta' permess.
- Is-Sur Javier Caruana talab li jingħata l-kuntatt ta' Chris Sant sabiex ikun jista' jiddiskuti miegħu l-ideat u jippreżentahom fil-laqgħat tal-kunsill.

**Cat houses – Triq Karm Longo**
- Ircivejna talba biex jitqieghdu cat houses fi Triq Karm Longo. Is-Sindku qal li minħabba limitazzjonijiet ta' aċċess f'din it-triq dawn ma jistgħux isiru.
- Is-Sa Calleja Zammit talbet jekk xorta waħda jistgħux isiru f'xi post ieħor, għaliex tajjeb li jkun hawn iktar. Is-Sindku nsista li hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan, diment li min jitma l-qtates jieħu ħsieb iżomm warajh nadif, pero' f'dik it-triq ma jistgħux jitqiegħdu
- Is-Sa Farrugia, issuġeriet li r-residenta li talbet għal dan jgħaddu lill-kunsill post alternattiv u terġa' tiġi diskussa. Is-Sindku qabel ma' dan.

**Talba biex triq Qasbi tiġi one-way**
- Is-Sindku ressaq dan l-ilment minn residenta sabiex din it-triq minħabba li dejqa terġa ssir direzzjoni ta one-way.
- Kien hemm qbil li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti tat-triq fuq jekk jaqblux li din għandha ssir one-way u jekk iva liem direzzjoni. Wara li tinġabar din l-informazzjoni tiddaħħal l-applikazzjoni mat-TM.

**Ilment fuq veġetazzjoni mas-CRPD fi Vjal ir-Riħan**
- Il-kunsill intalab mis-CRPD sabiex jinforma r-residenta li dwarha sar l-ilment mas-CRPD sabiex jiġi trimmjat il-ħaxix li hemm sabiex il-bankina tkun aċċessibbli għal kulħadd. Il-kunsill bagħat ittra reġistrata u għalhekk ir-residenta infurmata li trid tieħu l-passi meħtieġa sabiex timxi skont l-ordnijiet tas-CRPD.

**4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.**

- <u>**Noel Dimech:-**</u>
- Jixtieq jistaqsi lil Trevor Fenech, kemm-il membru parlamentari kienu mistiedna ghall-isports awards? F'liema data giet deciza li ssir f'Mejju u mhux f'Awwissu u ghal-liema raguni? Kemm kien hemm resident li gwadanjaw minn din l-attivita'?
- Is-Sur Trevor Fenech qallu li ġew mistiedna, il-Ministru tal-isport Clifton Grima, is-Seg Parlamentari tal-Gvern Lokali, Alison Zerafa Civelli, is-shadow ministers David Agius u Bernice Bonello. Minn dawn attenda biss il-Min. Grima.

- Id-data nbidlet minn Awwissu għal Mejju minħabba li ġew mgħarrfa f'qasir żmien li l-grawnd kien se jsirlu xogħol ta' resurfacing u manutenzjoni ieħor u għalhekk ma kienx ikun possibbli li tittella' attivita' f'Awwissu bit-tkaken u armar ta' imwejjed u siġġijiet fuq turf ġdid. Dan kien diġà ġie diskuss waqt il-laqgħa preċedenti.

- Kien hemm attendenza ta 300 ruħ min-nies madwar il-lokalita' li għażlu jiġu għal din is-serata u l-kumitat kellu jirrifjuta iktar nies minħabba loġistika.

- **Pauline Vella Critien:-Jiena u numru mhux ħażin mir-residenti tagħna nixtiequ spjegazzjoni dwar għaliex ix-xandira diretta ġiet interrotta fl-aħħar laqgħa tagħna waqt li l-kunsilliera kienu qed jiddiskutu ittra mibgħuta minn żewġi u għaliex ir-residenti preżenti ntalbu jitilqu.**

- Din ġiet diskussa fil-korrezzjonijiet.

  **Għaliex il-kunsill tagħna ma applikax biex ir-residenti jkunu jistgħu jħallsu l-kontijiet tagħhom fil-kunsill?**

- F'Marzu tat-2025 il-kunsill irċieva komunikazzjoni dwar dan is-servizz mill-AKL, li kienet ġiet imqassma mal-kunsilliera kollha minn Nadia Fenech. Iżda milli jidher ħadd mill-kunsilliera m'attenda jew ma tellagħha fuq il-mejda f'xi laqgħa u għalhekk il-kunsill m'applikax għal dan is-servizz.

## 5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru 26

5.1 Pauline Vella Critien staqsiet fuq il-pagament ta' Christopher Bonello tal-istreet sweeping kif dan jitħallas 'il fuq minn 11,800 fix-xahar meta San Ġwann mimli ħmieġ u xogħlu żgur mhux jagħmlu sew li jitħallas dak l-ammont. Is-SE ikkonfermat li dan huwa kuntrattur li ingħata it-tender li kien ġie awarded għal dawn is-sentejn żgur. Is-Sindku ma qabilx li l-kuntrattur mhux jagħmel xogħlu sew, iżda s-Sa Vella Critien insistiet li hi ma taqbilx ma' dan.

5.2 Is-Sa Vella Critien żiedet tgħid ukoll li x-xogħol tat-tisqija mhuwa jidher imkien u l-ammont ta' EUR2300 għat-tisqija huwa wieħed skorett, għaliex hi taf supplier li kkonfermalha li joffri s-servizz ta' bowser b'EUR30 u għalhekk jiġi ħafna inqas minn dak l-ammont. Is-SE staqsietha jekk dan huwiex għas-servizz ta' tisqija ta' lokalita' għaliex minn kwotazzjonijiet li kienet ġabet l-ebda waħda ma tavviċina dak l-ammont, hi kkonfermat li hu qalilha EUR30, 5,000lt bowser,talbitha tgħaddilha din l-informazzjoni u staqsietha għad-dettalji sabiex tkun tista' tkellmu għall-kwotazzjoni.

5.3 Joan Farrugia talbet li tiġi skużata mil-laqgħa, minħabba li fl-ebda ħin mhemm qbil jew diskussjoni denja waqt il-laqgħa. Din ġiet skużata fis-18:30.

5.4 Is-Sa Vella critien staqsiet ukoll fuq il-pagament 31 lejn l-ARMS li jammonta 'l fuq minn 11,000, is-SE ikkonfermat li dak irid jiġi mnaqqas minn din l-iskeda għaliex kienet għadha qegħda ġġib informazzjoni dwar dak il-pagament. Hemm ammont ta 2,300 li qed jindika li huwa minn Apr 21 sa Mar 2026, għaliex il-kunsill qatt ma rċieva kont fuq il-metre tal-ġnien ta' Sta. Margerita, iżda hemm imniżżel ukoll ammont ta' 8000 b'indikazzjoni għall-kont ta'qabel li tiegħu ma ngħata l-ebda dettalji u għalhekk dak ser jibqa' pendenti sakemm tinġieb l-informazzjoni kollha u jerġa' jiġi diskuss.

5.5 Ħadd ma kellu iktar xi jżid, ippropona l-iskeda tal-pagamenti Trevor Fenech u ssekondah Norbert Dalli. Kien hemm qbil unanimu.

**6 Rapport tas-Sottokumitat**

Il-Kunsillier Lino Pace Taliana ikkonferma li is-60 siġra ser jibdew jitħawlu għada u ser jibdew mill-Kappara mbagħad ikomplu skont kif mifthiem. Mill-bqija għad hemm xi xogħlijiet għaddejin u anke x-xogħlijiet tas-cctv qed jiġu finalizzati sabiex jitweħlu.

**7 Informazzjoni: L-Attivita' Annwali Kulturali – Kuncert tas-Sajf;**

7.1 Norbert Dalli infurma l-mejda li l-kunsill ingħata l-fondi tal-iskema, is-SE infurmathom li l-fondi kienu tal-iskema li kienu qablu fuqhom u mit-talba ta' €20,000 il-kunsill ingħata €18,000. Din ingħatat fuq il-proġezzjoni tal-ispiża li saret u minn stima li ġibna il-kunċert għandu jiswa viċin ta' €26,000. Meta mistoqsi kemm kienet in-nefqa s-sena l-oħra, din kienet viċin is-€26K.

**8 Skemi Pendenti ghall-applikazzjoni;**

8.1 Is-SE infurmathom li għad hemm skema pendenti. L-applikazzjonijiet jagħlqu fl-aħħar ta' Lulju u għalhekk kienet ser terġa' tgħaddilhom l-informazzjoni sabiex jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.
SPI.SCI.05.2026 - Finanzjament - Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta Kwalità (Data ta' l-għeluq – il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2026). finanzjament ta' massimu ta' €100,000 (inkluż il-VAT) +15% kontribut mill-kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-19:00 u l-laqgħa li jmiss se ssir fis-6 ta' Lulju fil-17:30

IFFIRMATI______ IFFIRMATI___

**Gaynor Bajada**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dominic Cassar**
**Sindku**